MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1719/1985/1

**Carmelo GIULIANO bħala mandatarju tal-assenti Marian mart Joseph Mizzi, Joseph Cassar, Lorenza mart Emanuele Muscat, Emilia mart Carmelo Giuliano u Maria mart Lorenz Mizzi**

**vs**

**Bernardina RIOLO u b'Degriet tal-1 ta' Awissu, 1991, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Spiridiona, Maria Stella, Carmela u Josephine armla minn Carmelo Spiteri, aħwa Riolo, stante l-mewt ta' Bernardina Riolo**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Diċembru, 1985, li bih l-atturi ippremettew;

Illi fis-16 ta' Ġunju 1979 il-Belt mietet Maria Assunta Bianchi armla ta' Alfonso, bla ma għamlet testment u ħalliet bħala superstiti tagħha iż-żewġ ħutha Bernarda

armla ta’ Joseph Riolo u Maria allura mart John Cassar (Dok.A);

Illi wara l-mewt ta’ Maria Cassar, l-eredita tagħha għaddiet fuq l-istess John Cassar, żewġha, permezz ta’ testment unica karta (Dok.B);

Illi l-istess John Cassar miet fit-23 ta’ Ġunju 1984 bla testment, u bla ma ħalla discendenti, b’mod li l-eredita tiegħu għaddiet fuq l-atturi li huma ħutu Mirian, Joseph, Emilia u Lorenza u it-tifla ta’ oħtu Martha, Myriam, li hi b’testment l-unica eredi ta’ ommha;

Illi l-propjeta’ l-eredita tal-istess Maria Assunta Bianchi, li għada indivisa, irriżulta f’dak li hu indikat fid-denunzja tas-suċċessjoni li kopja tagħha hija hawn annessa Dok. C u f’dawk is-sostanzi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża fosthom kirjiet u flus oħra li inkassat l-istess konvenuta mill-mewt tal-istess Maria Assunta Bianchi sallum;

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqaw fi stat ta’ komunjoni ta’ propjeta’ mal-konvenuta;

Għaldaqstant, l-attur jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex:

1. Tillikwida l-assi ereditarju tal-istess Maria Assunta Bianchi billi tiddikjara l-attiv u l-passiv tiegħu b’mod li jiġi stabbilit xi propjeta’ komuni għada indivisa;

2. M’għandiex il-konvenuta tiġi kundannata tagħti rendikont tal-propjeta’ minnha amministrata sallum fl-istess eredita;

3. Tiddividi l-istess eredita hekk likwidata f’żewġ porzjonijiet egwali u tassenja porzjoni minnhom lill-atturi indivisament bejniethom u l-porzjonijiet l-oħra lill-konvenuta u dana bl-operat ta’ periti nominandi;

4. Tinnomina kuratur biex jidher għall-eventwali kontumaċi u nutar biex jippubblika l-att relattiv fil-ħin, jum u lok li jiġu lilhu prefissi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-6 ta' Mejju, 1986, li bih ħatret lill-mibki Avukat Dottor John Laferla bħala perit legali biex ifittes u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attriċi, liema ħatra tħassret b'degriet ieħor tat-8 ta' Ġunju, 1989, fid-dawl ta' degriet mogħti fit-28 ta' Lulju, 1988, li bih ġiet ordnata s-soprasessjoni tal-kawża sakemm tinqata' l-kawża fl-ismijiet "*Bernardina Riolo vs Joseph Cassar et.*" (Ċitazz. Nru. 997/86WG);

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-4 ta' Ġunju, 1997[1], li bih u minħabba li sa dak inhar fil-kawża l-oħra ma kinitx għadha ngħatat is-sentenza, ħalliet din il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) li bih reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ għall-14 ta' Diċembru, 1998, wara illi irriżulta li fil-kawża l-oħra kienet ingħatat sentenza fit-30 ta' Ġunju, 1998[2], liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2001[3];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Frar, 2002[4], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Joseph Ellul Vincenti bħala perit tekniku biex joħroġ stima tal-ġid immobbli u biex ifassal pjan ta' qasma;

Rat ir-relazzjoni mressqa mill-perit tekniku fit-2 ta' Diċembru, 2003[5], u minnu maħlufa waqt is-smigħ tat-18 ta' Marzu, 2004;

---

[1] Paġ. 66 tal-proċess
[2] Kopja tagħha tinsab esebita f'paġġ. 70 sa 76 tal-proċess
[3] Kopja tagħha tinsab esebita f'paġġ. 88 sa 100 tal-proċess
[4] Paġ. 103 tal-proċess
[5] Paġġ. 117 sa 126 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tas-27 ta' April, 2004[6], fejn l-atturi iddikjaraw li huma joqogħdu għall-konklużjonijiet milħuqa mill-perit tekniku u li l-partijiet kienu waslu fi ftehim;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' April, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-qsim ta' wirt. L-atturi, flimkien mal-imħarrka, huma l-werrieta tal-ġid ta' Maria Assunta Bianchi u jridu li l-wirt tagħha jinqasam u jieħdu sehemhom;

Illi ma jidhirx li l-imħarrka ressqet xi kontestazzjoni għat-talbiet tal-atturi. Mill-atti tal-kawża ma jidher l-ebda ħjiel ta' nota tal-eċċezzjonijiet; lanqas ma tirriżulta xi nota li tistqarr it-talbiet attriċi, għalkemm jirriżulta li l-imħarrka kienet notifikata b'kopja taċ-Ċitazzjoni u tal-Avviż tas-Smigħ fl-24 ta' Jannar, 1985[7];

Illi l-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li l-imsemmija Marija Assunta armla ta' Alfonso Bianchi mietet fis-16 ta' Ġunju tal-1979[8] mingħajr testment u mingħajr ma ħalliet ulied ħajjin warajha. Fil-waqt tal-mewt tagħha, kien għad fadal żewġ ħutha ħajjin – waħda minnhom l-imħarrka Bernardina armla minn Joseph Riolo, u l-oħra Maria miżżewġa lil Joseph Cassar. Maria Cassar jidher li mietet testata imma mingħajr ulied f'Marzu tal-1984, u wiritha żewġha Joseph[9] li, madankollu, miet xi tliet xhur wara martu f'Ġunju tal-1984. L-atturi huma ħutu u werrieta tiegħu;

Illi l-ġid ta' Maria Assunta Bianchi ġie denunzjat f'Novembru tal-1981 minn Spiridiona Riolo, waħda minn

[6] Paġ. 137 tal-proċess
[7] Dok f'paġ. 12 *tergo* u "*pink card*" f'paġ 14 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[9] Ara t-testment *unica charta* f'paġġ.6-7 tal-proċess

ulied l-imħarrka Bernardina Riolo[10]. Il-kawża nfetħet f'Diċembru tal-1985. L-imħarrka Bernardina Riolo mietet fis-7 ta' Settembru, 1989[11], u l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' wliedha Spiridiona, Maria Stella, Carmela u Josephine mart Carmel Spiteri;

Illi ta' min jgħid li l-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża weħel għal xejn anqas minn sittax-il (16) sena minħabba li f'Novembru tal-1986, l-imħarrka Bernardina Riolo kienet fetħet kawża[12] kontra Joseph Cassar biex jiġi dikjarat li t-testment li sar bejnu u martu Maria Cassar ma kienx jgħodd. Dik il-kawża damet itterraq fil-qrati sad-9 ta' Ottubru, 2001, meta l-Qorti tal-Appell Ċivili tat sentenza li biha ċaħdet l-appell tal-werrieta ta' Bernardina Riolo u iddikjarat li l-imsemmi testment kien jgħodd;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li fuqhom jinbena l-każ iduru l-aktar mal-kwestjoni ta' qasma b'mod xieraq tal-ġid li kien jifforma l-wirt ta' Maria Assunta Bianchi. Ladarba l-kwestjoni dwar is-siwi tat-testment *unica charta* ġiet b'xi mod determinata fis-sede ġudizzjarja xierqa, il-Qorti tista' tqis li s-sehem tal-atturi mill-wirt ta' mart ħuhom, Maria Cassar, iqegħdhom fil-pożizzjoni li kienet tkun l-imsemmija Cassar kieku kienet għadha ħajja għar-rigward tal-wirt ta' oħtha Maria Assunta Bianchi. L-ewwel ħaġa li għandha ssir għalhekk hija li jitqies x'inhu s-sehem li kull waħda mill-partijiet f'din il-kawża tista' tippretendi mill-imsemmi wirt;

Illi meta ġiet nieqsa Maria Assunta Bianchi, il-wirt tagħha għadda f'ishma ta' nofs ($^1/_2$) mhux maqsum favur kull waħda miż-żewġ ħutha li kienu baqgħu ħajjin warajha. Dan ukoll għaliex, kif ingħad, Maria Assunta Bianchi mietet mingħajr testment. Dan ifisser li, mal-ftuħ tal-wirt ta' Bianchi, Maria mart Joseph Cassar u l-imħarrka Bernardina Riolo kellhom jedd għal nofs mhux maqsum kull wieħed tal-wirt ta' oħthom;

[10] Dok "Ċ", f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess
[11] Dok "AA", f'paġ. 42 tal-proċess
[12] Ċitazz. Nru. 997/86

Illi meta mietet Maria Cassar, u billi kellha testment u ma kellhiex ulied jew dixxendenti oħrajn, sehemha mill-wirt għadda għand żewġha Joseph Cassar, ħu l-atturi. Minħabba li Joseph Cassar miet ftit xhur wara martu, mingħajr ulied jew dixxendenti u mingħajr testment, il-werrieta tiegħu skond il-liġi huma l-ħames atturi ħutu[13], li jirtuh *per capita*[14]. Għalhekk, kull wieħed u waħda mill-atturi jmisshom sehem minn kull għaxra ($^{1}/_{10}$) tal-wirt ta' Maria Assunta Bianchi;

Illi minħabba li l-imħarrka Bernardina Riolo kellha jedd għal sehem ta' nofs mhux maqsum tal-wirt ta' oħtha Bianchi, mal-mewt tagħha s-sehem għadda fuq l-erba' (4) wliedha. Ta' min jgħid li ma tressqet l-ebda prova biex turi jekk il-wirt tal-imħarrka Bernardina Riolo – li kienet diġa' romlot meta mietet oħtha Maria Assunta Bianchi – kienx regolat b'testment jew inkella skond ir-regoli tas-suċċessjoni intestata. Iżda l-Qorti sejra tqis li kull waħda minn ulied Bernardina Riolo jmissha sehem ta' parti waħda minn kull tmienja ($^{1}/_{8}$) tal-wirt ta' zithom Maria Assunta Bianchi;

Illi l-partijiet ftit li xejn ressqu provi dwar il-konsistenza tal-wirt ta' Maria Assunta Bianchi. Kemm hu hekk, fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-atturi straħu fuq dak li kien ġie dikjarat fid-denunzja tas-suċċessjoni tagħha. Provi oħrajn dwar xi ġid ieħor jew jekk kienx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi dwar xi parti mill-imsemmi ġid ma tressaq xejn. Il-vantaġġ tat-tagħrif imsemmi fid-denunzja tas-suċċessjoni jikkonsisti fil-fatt li dan ingħata minn bint l-imħarrka, Spiridiona Riolo, li llum hija waħda mill-erba' wlied tal-imħarrka li fil-persuna tagħhom għadda l-ġudizzju mal-mewt ta' ommhom. Dan iġib li, għal raġunijiet differenti, iż-żewġ naħat donnhom jaqblu dwar liema hu l-ġid ereditarju li jżommu komuni bejniethom u li għandu jifforma l-mertu li fadal f'din il-kawża. Għalhekk il-Qorti sejra toqgħod fuq il-kostatazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku minnha maħtur – li jinbnew fuq dak imsemmi fid-denunzja – biex tasal għad-determinazzjoni dwar il-konsistenza tal-wirt li fadal ta' Maria Assunta Bianchi;

---

[13] Art. 814(1) tal-Kap 16
[14] Art. 814(2) tal-Kap 16

Illi mill-imsemmija kostatazzjonijiet joħroġ li l-ġid li fadal mill-wirt ta' Bianchi jikkonsisti biss f'erba' (4) postijiet immobbli li jinsabu fi Triq il-Flotta, fil-Gżira, u li jmissu ma' xulxin. Il-perit tekniku, wara li daħal f'kull wieħed minnhom, wasal ukoll biex ta stima ta' kull fond. Minn dawn l-erba' postijiet jirriżulta li dak bin-numru mija u erbgħa u ħamsin (154) u dak bin-numru mija u sittin (160) huma mikrijin lil terzi; filwaqt li ż-żewġ postijiet l-oħrajn huma ħielsa minn okkupanti b'titolu, għalkemm wieħed minnhom – il-fond numru mija u tmienja u ħamsin (158) – "jinsab f'idejn wieħed mill-werrieta" (imma ma jingħadx min hu jew min hi);

Illi jirriżulta li l-wirt ta' Maria Assunta Bianchi huwa wieħed attiv, fis-sens li ma kienx wirt midjun;

Illi fi kwestjonijiet ta' qasma ta' wirt u jekk il-ġid jistax jinqasam materjalment mingħajr diskapitu, huwa stabilit li għandu jittieħed qies tas-siwi tal-ishma fil-waqt li fih tinfetaħ is-suċċessjoni, għaliex huwa dak il-waqt li jnissel l-istat tal-komunjoni li jagħti lok għall-jedd li wieħed jitlob il-qasma[15];

Illi minbarra dan il-liġi trid[16] li, meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantita' ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess għamla u valur[17]. Il-liġi tistabilixxi wkoll[18] li r-regola ewlenija fil-qasma ta' ishma f'wirt hi li dawk l-ishma jittellgħu bix-xorti, u huwa biss fil-każ lil-ishma m'humiex indaqs jew jekk il-partijiet kollha jaqblu li l-qasma għandha ssir b'assenjazzjoni[19]. Minkejja l-qawwa ta' din ir-regola, madankollu, jibqa' dejjem miftuħ għall-Qorti li tqis iċ-ċirkostanzi jew fattispeċi partikolari tal-każ li jkollha quddiemha qabel ma tapplikaha awtomatikament[20];

[15] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Melkisedek Deguara vs Rose Calleja et***
[16] Art. 504 tal-Kap 16
[17] App. Ċiv. **17.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Randon noe vs Ebejer et*** (Kollez. Vol: **XLV.i.98**)
[18] Art. 510 tal-Kap 16
[19] P.A. **30.7.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna et vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1083**)
[20] App.Ċiv. **16.11.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Żammit*** (Mhix pubblikata)

Illi, f'dan il-każ, il-Qorti ssib li jkun xieraq li żżomm mar-regola fuq imsemmija u tordna li l-ishma jittellgħu bix-xorti. Biex tasal għal dan hija sejra tqis li, fil-waqt li nfetħet is-suċċessjoni ta' Maria Assunta Bianchi, kien hemm żewġ werrieta li s-sehem tagħhom kien ta' nofs ($^1/_2$) indiviż kull sehem. Minkejja li llum il-werrieta ta' dawn iż-żewġ ishma żdiedu għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti sejra tqis il-ġid kollu li jirriżulta fil-wirt bħala ġid li jinqasam bla xkiel fl-imsemmija żewġ ishma, b'dan illi l-werrieta/partijiet ta' kull sehem ikunu, fil-waqt xieraq u bi qbil bejniethom, jistgħu jiddeterminaw u jiddeċiedu skond l-aħjar fehma tagħhom kif iridu jiddisponu mill-ġid li jagħmel minn kull sehem. B'dan il-mod, il-Qorti tevita li toqgħod taqsam fi kwoti ċkejkna lil kull wieħed u waħda mill-partijiet skond is-sehem rispettiv tiegħu jew tagħha l-ġid fuq imsemmi, bil-possibilita' li jkollha tirrikorri għal ordni ta' bejgħ b'liċitazzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qegħda tadotta l-pjan ta' qasma suġġerit mill-perit tekniku fir-relazzjoni tiegħu, billi dan il-pjan iqarrab sewwa għal qasma ndaqs b'ġid tal-istess għamla f'kull sehem u billi wkoll l-ammont ta' ekwiparazzjoni huwa żgħir;

Illi dwar it-tieni talba tal-atturi, il-Qorti ssib li ma jidhirx li l-atturi baqgħu jinsistu dwarha għaliex l-ebda prova jew sottomissjoni ma saret f'dan is-sens. Minbarra dan, billi t-talba għall-għoti ta' rendikont ta' amministrazzjoni hija diretta speċifikatament lejn il-persuna tal-imħarrka, jidher li l-mertu ta' dik it-talba ġie eżawrit bil-mewt tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u qegħda tillikwida l-ġid ereditarju ta' Maria Assunta Bianchi billi tiddikjara li l-ġid li jirriżulta jikkonsisti fl-erba' (4) fondi urbani bin-numri mija u erbgħa u ħamsin (154), mija u sitta u ħamsin (156), mija u tmienja u ħamsin (158) u mija u sittin (160), fi Triq il-Flotta, Gżira, liema ġid huwa kollu komuni u għadu mhux maqsum, u huwa stmat komplessivament għall-valur ta' wieħed u ħamsin elf lira Maltija (Lm 51,000);

**Tastjeni milli tqis it-tieni talba attriċi** billi l-mertu tagħha illum huwa eżawrit minħabba li l-imħarrka mietet waqt iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama';

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** billi, filwaqt li tadotta l-pjan ta' qasma mwettaq mill-Perit ġudizzjarju minnha maħtur, taqsam il-ġid ereditarju tal-imsemmija Maria Assunta Bianchi f'żewġ ishma li (a) l-ewwel wieħed jinkludi fih il-postijiet bin-numri mija u erbgħa u ħamsin (154) u mija sitta u ħamsin (156), Triq il-Flotta, stmati t-tnejn għall-valur ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltija (Lm 25,000) u liema sehem irid jitħallas is-somma ta' ħames mitt lira Maltija (Lm 500) bħala ekwiparazzjoni mingħand is-sehem l-ieħor, u (b) t-tieni wieħed jinkludi fih il-postijiet bin-numri mija u tmienja u ħamsin (158) u mija u sittin (160), Triq il-Flotta, stmati t-tnejn għall-valur ta' sitta u għoxrin elf lira maltin (Lm 26,000) u liema sehem irid iħallas lis-sehem l-ieħor is-somma ta' Lm 500 bħala ekwiparazzjoni;

**Tordna** li l-imsemmija ishma jiġu mtellgħin bix-xorti;

**Tilqa' r-raba' talba** billi taħtar lin-Nutar Dottor Nicholas Vella biex jippubblika l-att pubbliku relattiv relattiv għall-qasma tal-ġid hawn fuq imsemmi, liema att għandu jiġi pubblikat nhar it-Tnejn, disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena kurrenti (2004), fil-bini tal-Qorti, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu, u, għall-finijiet tal-istess talba, qegħda taħtar lill-Avukat Dottor Marco Ciliberti bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi; u

**Tordna** li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-imħarrkin.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------